# Daħla

*9 snin qabel, f'bitħa ta' skola*

*Drinnnnnnnnnnnnnnnn.*

L-eku tal-ħoss antipatku tal-qanpiena baqa' jidwi mal-iskola kollha. Ma' dak l-eku, żdiedu l-ħsejjes tas-siġġijiet jigirfu l-art u t-twerżiq tal-ilħna tat-tfal, ħerqanin għall-break il-kbir.

Almenu, il-biċċa l-kbira kienu ħerqanin. Lil xi wħud, dik il-qanpiena kienet twerwirhom. Jacob kien wieħed minn dawn tal-aħħar. Student tas-sitt sena li għalih ħin il-break kien sar tortura. U dakinhar aktar mis-soltu.

Baqa' jitnikker fil-klassi kemm seta'. Ħareġ kulħadd u hu baqa' l-aħħar, taparsi jgerfex fil-basket għal xi ħaġa li ma kinitx hemm.

"Ħaffef, Jacob," qaltlu l-għalliema, tistenna bla sabar ħdejn il-bieb. Meta ra li kienet se tibqa' hemm,

induna li ma kellux għażla oħra. Qam minn fuq is-siġġu u ħareġ.

"Ma ġibtx ikel illum?" staqsiet Miss Fenech, meta ratu ħiereġ b'idu f'idu.

"Għandi, imma m'għandix ġuħ. L-istonku mqalleb."

"Issa jgħaddilek. Naqra arja ta' barra tagħmel mirakli," qalet Miss Fenech.

Jacob karkar saqajh sal-bitħa l-kbira fejn kien hemm ġenn sħiħ. Għajjat, twerżiq, tfal jiġru, tfal jidħqu. Geġwiġija kbira. Immarka post fejn ma kienx hemm wisq folol u beda miexi 'l hemm, id-dell tiegħu qablu.

Wara ħames passi, dell itwal waqa' mal-art maġenb tiegħu.

"Ejja mela, Ġakobb. Kemm teħodha bil-lajma," qallu leħen sid dak id-dell ġdid. "Aqlagħli dak l-ewro tal-lum, xbin."

Mingħajr ma għolla rasu, Jacob baqa' jkarkar saqajh 'il quddiem. Kull pass beda jħossu tqil qisu kien qed jiġbed kantun.

"Ma … ma … ma nistax," laqlaq, "għax … għax ma sibtx illum."



"Tiġinix bi skużi ta. Ejja, għax irrid immur nilgħab."

"Vera, naħlef. Ma sibtx. M'għandix—"

Kliemu qatgħu ħesrem hekk kif id ħatfitu bil-goff minn għonqu.

"Qed tweġġagħni," werżaq Jacob, kważi se jinfaqa' jibki, "ħa… ħallini. Għada nġiblek żewġ ewro, ta… tajjeb?"

L-id baqgħet tagħfas fuq għonqu, anzi issa aktar bis-saħħa. Issa kienu waslu fit-tarf tal-bitħa, u hemmhekk ebda għalliem ma seta' jismagħhom. Ħadd ma kien jieħu gost joqgħod jibla' x-xemx.

"Qed tigdibli, Jacob," qallu l-leħen, issa ma' widintu eżatt, tant li ħass in-nifs tal-aggressur. "Ninduna meta tigdibli." Għalkemm kien daqsu miż-żmien, kien ħafna itwal minn Jacob u aktar b'saħħtu.

"Le, vera mhux nigdeb. Ħallini. Għada nġibhomlok."

"Għada rrid erba' ewro. Ħa titgħallem."

"Er… erbgħa?! Ma nistax, erbgħa ħafna—"

Għafsa aktar qawwija fuq għonqu qatgħetlu kliemu u Jacob qabiżlu d-dmugħ. Tgħid jaqbad

jgħajjat? Isejjaħ għall-għajnuna? Imma min kien se jiġi? U kien diġà avżah, jekk jiftaħ ħalqu jpattihielu bil-kbir.

"Jekk terġa' tgħid li ma tistax, taf kemm intik—"

"Itilqu issa lil Jacob."

Leħen ġdid ħasadhom lit-tnejn li huma. Maddellijiet tagħhom, żdied wieħed akbar, itqal. L-id fuq għonq Jacob irħiet, iżda l-bully ma telqux għalkollox. Sid dik l-id beda jidħaq.

"Itlaq 'l hemm int. Jaqaw spiċċalek l-ikel? Mur kompli ilgħab ma' tal-klassi tiegħek. E bilħaqq, ħadd ma jkun irid jilgħab miegħek għax int stramb wisq."

"Itilqu issa għax sejjer ngħid lis-Surmast," kompla t-tifel il-ġdid, leħnu kalm, theddida li veru kien se jagħmilha. "Smajtek titolbu l-flus."

Jacob sab ruħu meħlus hekk kif it-tifel it-twil dar għal fuq it-tifel l-oħxon tal-klassi l-oħra tas-sitt sena. Għamel is-salt għalih u mbuttah. Iżda bilkemm irnexxielu jċaqalqu. Kien donnu mwaħħal mal-art.

"Ara x'se ngħidlek—" beda t-twil, ixejjer

subgħu taħt imnieħer l-oħxon. Iżda kellu jaqta' kliemu ħesrem.

"X'inhu jiġri hawn?" Miss Galea kienet rat lit-twil jerfa' jdejh u qasmet il-bitħa biex tara xi nqala'.

"Dan it-tifel qed jitlob il-flus lil Jacob, Miss," kien pront qal it-tifel l-oħxon, dejjem bl-istess kalma. "Qallu li jekk ma jħallsux se jaqbad itih."

Wiċċ l-għalliema sar qisu ta' statwa, imnaqqax mill-ġebel.

"Veru, Jacob?" staqsiet Miss Galea.

Minn xi mkien, Jacob sab il-kuraġġ biex jagħmel sinjal b'rasu li dak kollu kien minnu.

"Imxu t-tlieta miegħi għand is-Surmast," qaltilhom Miss Galea u bdiet miexja qabilhom.

Malli qabdu sejrin warajha, Jacob sema' lit-twil jgħażżeż snienu u jhedded lill-oħxon minn taħt l-ilsien.

"Inpattihielek din."

L-oħxon ma weġbux.

# 1.

## Marthese Vella

L-arloġġ tal-intrata, rigal antik li kienet qalgħet fit-tieġ mingħand ommha u missierha, beda jdoqq. Kienu kważi d-disgħa u nofs ta' filgħodu, iżda l-arloġġ kellu ħabta jmur naqra 'l quddiem. Id-daqq tiegħu fakkarha li kienet għadha ma ħarġitx tagħmel ix-xirja li suppost għamlet aktar kmieni. Telqet minn idha u marret fil-kċina tfittex basket taċ-ċarruta u l-portmoni.

Bħal dakinhar, nhar ta' Tlieta, kienet issajjar brodu bit-tortellini. Sajf, xitwa, kesħa, sħana —dejjem dak il-platt. Binha, għalkemm ma kienx

xi wieħed li jfittex wisq il-brodu, kien jiekol ikla sew bil-laħam u l-għaġin. Hi u żewġha kienu jippreferu l-meraq.

Il-ħobż kienet tħallih f'idejn żewġha Twanny. Kien jixtrih xħin jasal mix-xogħol minn forn fil-qrib, qabel jidħol id-dar. B'hekk kien ikun dejjem frisk.

Għal nofsinhar, biex ma jiklux laħam darbtejn, normalment kienet tagħmel xi ħaġa ħafifa għaliha u għal binha. Iżda jekk Irvin ma jkunx hemm, ma kienet toqgħod taqla' xejn għaliha biss, u tixwi biċċa ħobż.

Qabel ħarġet, fetħet il-bieb li mid-dar kien jagħti għall-garaxx. Issa hemmhekk kien sar l-uffiċċju ta' binha. Sabitu jistudja, rasu mgħaddsa fi ktieb. Kien ħalla l-post fid-dlam u kulma kellu mixgħula kienet bozza safranija ta' lampa bil-kuperċ ta' ħġieġ aħdar. Wiċċ l-iskrivanija biss kien fid-dawl. Il-bqija tal-post kien kollu mudlam.

"Se tgħarraq għajnejk," qaltlu, għall-mitt elf darba.

Irvin għolla rasu lejha.

"Se tagħmel ftit te, ma?" staqsieha.

"Le, ħierġa malajr. Sejra nixtri. Int hawn se tkun f'nofsinhar?"

"Iwa mela. X'se nieklu?"

"Nagħmillek froġa? Jew tarja moqlija?"

Wiċċ binha xegħel.

"Tarja," qalilha.

"Tlaqt. Mhux se ndum. Malli niġi nagħmel itte."

Marthese ħarġet u ġibdet il-bieb warajha. Malli daret, sabet ma' wiċċha mara donnha mitlufa. Kienet liebsa eleganti u xagħarha magħmul perfett. Stħajlitha xi avukat sejra l-Qorti. Fil-ftit sekondi li flietha, Marthese ammirat l-imsielet twal, il-libsa bajda biċ-ċintorin iswed, iż-żarbun abjad u iswed ukoll, il-kappell żgħir u l-handbag, kollox jaqbel. Saħansitra d-dwiefer kellha miżbugħin bojod bi strixxi suwed.

Meta għolliet ħarsitha lejn wiċċha, għajnejhom iltaqgħu. Għajnejn il-mara kienu ħodor u tassew sbieħ. Qatgħetha għandha qrib l-erbgħin.

"Għandek bżonn xi ħaġa?" staqsietha Marthese.

Il-mara qisha ħasbitha, fetħet ħalqha u ma weġbitx mill-ewwel. Marthese ħasbet li kienet

barranija u kienet se terġa' tistaqsiha bl-Ingliż, iżda l-mara antiċipatha.

"Iva. Ġejt infittex l-uffiċċju tas-Sur Irvin Vella, Investigatur," qaltilha b'leħen irqajjaq, "l-indirizz li għandi—"

Marthese ma ħallithiex tkompli. Fehmet għaliex il-mara kienet qisha mitlufa—kienet ilha tgħidlu lil Irvin li missu jagħmel tabella kbira jew saħansitra jibdel il-bieb tal-garaxx. Kulma kellu kienet tabella tassew ċkejkna tal-bronż imwaħħla mal-koxxa tal-bieb, taħt qanpiena. Mit-triq, ħadd ma seta' jaraha.

"Sewwa ġejt. Irvin it-tifel tiegħi. Ħalli ngħajjatlu."

Fetħet mill-ġdid u daħlet tgħid lil binha li kellu n-nies. Talbet lis-Sinjura tidħol warajha u daħħlitha fl-uffiċċju t'Irvin.

"Se nħallikom, għax għandi qadja," qaltilhom, u reġgħet ħarġet.

Hi u miexja lejn il-ħanut minn fejn kienet sejra tixtri, Marthese bdiet taħseb f'binha. Kienet kburija bih, b'dak li kien irnexxielu jibni mix-xejn. F'qasir żmien minn meta qabad dik il-linja